## GHAR QAWQLA*

*Kuljum mijiet u eluf ta' drabi fuqek*
*kont nixħet ħarsti mxennqa*
*fl-ewwel sbatax-il sajf li għaddejt ta' ħajti*
*hemmfuq, biswit il-Menqa.*

*Inti bi ġmielek sebbaħtilna l-*Marsa,
*tagħna r-Rabtin il-"ġenna"*
*u bħal* Forn *kbir kont tajtna jiem il-hena,*
*ħobżiet ta' l-oħla benna.*

*X'għaxqa kien fik mas-sebħ tal-għodu kmieni!*
*Fi bjad il-baħar tagħna*
*konna naraw xbihetek 'tirtgħod, titliegħeb,*
*inkella tgħum serħana.*

*Waqt li x-xemx tisreġ fuqna għal wara l-għaxra,*
*u l-baħar għors bl-għawwiema,*
*bħal missier għaqli tgħasses fuq is-sikka*
*lill-ħafna bniet iltiema.*

*Mill-banda l-oħra x'biża' kont tnissilli*
*ġo qalbi hekk ferrieħa*
*narak bħal tawr mitluf mal-mewġ tissara*
*ittih b'dik rasek sħiħa.*

*Jekk il-baħar qalil dejjem jeħodha*
*miegħek, snienu bir-ragħwa,*
*mhux inqas minnu tilqgħu, waħda f'waħda,*
*b'għajta li tkexkex, b'dagħwa.*

*Alla biss jaf is-snin li l-grigal ilu*
*kiefer jagħtik bil-ħarta:*
*tal-ġlieda ħarxa sa l-arloġġ tal-knisja*
*kien jixba' jgħodd kull kwarta.*

*Għalxejn twebbist: il-għadu hu aqqal minnek,*
*daħkan ir-riħ ħa fuqek,*
*u lejn il-ħofra ta' l-istess belliegħtek*
*rebbieħ qiegħed isuqek.*

---

* Billi din il-Poeżija, fil-għadd ta' qabel, dehret nofsha biss bi żball, sejrin nerġgħu issa nġibuha kollha, kif kien kitibha l-awtur.

*Hamsin sena ilu jien ġà rajt il-baħar,*
*għalkemm ta' żaqqu ratba,*
*ġo ngħasek jagħmel roqgħa, li s-sajjieda*
*twajbin għattewha b'xatba;*

*ma dametx hemm: in-nies wara ftit ġranet*
*ratha mill-mewġ meħuda;*
*il-lum qorrgħitek marret, u issa kollha*
*suritek bans meqruda;*

*hekk! bħal gendus fiċ-Ċirku ta' Neruni*
*taħt id-dirgħajn qawwija*
*t'Ursus, il-ġorf, lejn l-art kien batta rasu*
*u ħajtu ġiet mitfija.*

*L-erwieħ ta' dawk it-tliet xebbiet imsejkna,*
*li darba f'salt kont blajthom,*
*minn għammieq l-ilma b'niket isejħulek*
*"Inżel, ja ħali!": int smajthom.*

*Hamsa ta' Frar, elf disa' mija u tlieta,*
*għal qalbi ġrajja kiefra,*
*Ruħ ta' ġiżwita ħija minn did-dinja*
*Għar Qawqla ridtha msiefra!*

*Patri Mac Hugh, Patri Mac Hugh, qasira*
*kienet qagħdatek magħna!*
*Erbgħa xhur biss iż-żgħażagħ li kont tgħallem*
*b'għerfek setgħet 'tistgħana!*

*Mit-triq ta' Sant'Andrija l-Patri Magri*
*għadni sal-lum qed nara*
*għaddej imgħaġġel jibki bħal tarbija*
*wara li tawh il-bxara.*

*Għaddejtu żmienek! Herba narak Għar Qawqla,*
*m'għadekx is-sebħ ta' dari!*
*Kull fil-għaxija mill-Qortin ċawl joħroġ*
*l-għana jagħti għajjari.*

B'kara, 2. 8. 1948. G. Mejlak S.J.